MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 358/2004

**B. I. Stores Limited**

**vs**

**Topserv Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Lulju tas-sena 2004 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jirrifondu lis-socjeta' attrici B. I. Stores Limited is-somma ta' elfejn u mitejn Lira Maltin, (LM2,200.00,0), rapprezentanti depozitu minnha effettwat, skond ricevuti hawn uniti u mmarkati Dok. "A", fuq kuntratt ta' installazzjoni ta' "lift" fi blokk ta' hwienet u appartamenti

f’St. Paul Street, Naxxar, liema kuntratt iffirmat mis-socjetajiet attrici kien gie kancellat;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri nterpellatorji tas-26 ta’ Gunju tas-sena 2001 u tat-13 ta’ Mejju tas-sena 2004, u bl-imghax legali mid-data tal-hlas tad-depozitu skond id-Dok. “A”, kontrihom;

3. Illi s-socjetajiet konvenuti huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-kuratur deputat ghas-socjeta’ konvenuta Topserv Limited datata t-3 ta’ Marzu tas-sena 2006 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti w qed jirriserva d-dritt li jpprezenta eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavit tad-direttur tas-socjeta’ attrici B.I. Stores Limited datat it-23 ta’ Mejju tas-sena 2006;

Tirrileva li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma ressqet l-ebda prova jew kontestazzjoni fir-rigward;

Ikkunsidrat:

1. Illi s-socjetajiet aturi kienu ftehmu fis-sena 2001 li jinstallaw ‘lift” f’shaft komuni li kellhom bejn zewg blokki proprjeta’ taghhom;

2. Illi ghal dan ix-xoghol kienet tqabdet is-socjeta’ konvenuta li wara li accettat ix-xoghol thallset l-ammont t’elfejn u mitejn Lira Maltin, (LM2,200.00,0), bhala depozitu in akkont;

3. Illi peress li nqala’ nuqqas ta’ ftehim bejn il-partijiet, il-kuntratt de quo gie mwaqqaf u l-ordni ghall-“lift” giet ikkancellata;

4. Illi in segwitu l-partijiet qabblu li s-socjeta’ konvenuta kellha tirrifondi l-ammont ta’ depozitu lilha gia’ mghoddi, izda in effetti dan fir-realta’, qatt ma sehh;

5. Illi stante li s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti, s-socjetajiet attrici kienu kostretti jipprocedu b’din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti m’ghandha l-ebda raguni ghaliex m’ghandhiex takkolji l-fatti kif fuq esposti, molto piu’ meta l-istess socjeta’ konvenuta baqghet ma ressqet l-ebda prova;

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Topserv Limited biex thallas l-ammont t’elfejn u mitejn Lira Maltin, (LM2,200.00,0), lis-socjeta’ attrici, bl-ispejjez kif mitluba skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------